Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 2057/1995/1

**Bank of Valletta Limited u bis-sentenza tal-lum isem il-bank qed jigi mibdul ghal Bank of Valletta p.l.c.**

**v.**

**Joseph u Rosina mizzewgin Cassar u Polidano Brothers Limited u b'digriet ta' l-4 ta' Marzu 1998, tinnomina lill-Avukat Joseph Mario Sammut u lill-Prokuratur Legali Gerald Bonello bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-imsiefer Joseph Cassar**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**
B'citazzjoni intavolata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Novembru, 1995 is-socjeta` attrici ppremettiet illi b'sentenza tas-7 ta' Ottubru 1991 tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet "P.L. Joseph Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited vs Joseph Cassar" (Citazz. Nru. 793/91 JDC), l-attur gie awtorizzat jezegwixxi s-sentenza precedenti tas-26 ta' Frar, 1987 fl-ismijiet "Avukat Grazio Mercieca ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited vs Joseph Cassar" (Citazz. Nru 685/86 JH) ghas-somma ta' tmienja u erbghin elf, mija u ghoxrin liri maltin, wiehed u hamsin centezimu u hames millezmi (LM48,120.51,5) salv imghaxijiet ulterjuri mill-21 ta' Settembru 1985 sad-data tal-effettiv pagament (Dok A); illi l-attur jinsab munit b'ipoteki li jippregradwaw dawk ta' terzi u permezz ta' rikors fl-atti tas-subasta numru 20/90 fl-ismijiet "Joseph M. Formosa ghan-nom u in rapprezentanza tal-Lohombus Corporation Limited vs Joseph Cassar" huwa talab li jaghmel offerti "animo compensandi" skond id-dispost ta' l-artikolu 334 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fil-bejgh ta' fond maghruf bhala "Cassar Yard" konsistenti f'zewg imhazen u "office block" konsistenti f'erbat ikmamar tal-kejl superficjali ta' 1930 metri kwadri sitwat f'Gudja Road, Tarxien (Dok B); illi permezz ta' Liberazzjoni tat-22 ta' Gunju, 1994 l-imsemmi fond gie definittivament liberat a favur tal-imsemmija socjeta` konvenuta "Polidano Brothers Limited" versu l-prezz ta' tnejn u hamsin elf liri maltin (LM52,000) (Dok. C); illi s-socjeta` konvenuta "Polidano Brothers Limited" bi vjolazzjoni cara tal-artikolu 328 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet naqsu li jeffetwaw il-hlas skond il-ligi u ghalhekk b'digriet tat-28 ta' Settembru, 1994 l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc ordnat il-bejgh in subasta tal-imsemmi fond ai termini ta' l-artikolu 329 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet u iffissat il-jum tal-4 ta' Novembru, 1994 ghall-bejgh (Dok D); illi permezz ta' liberazzjoni tal-4 ta' Novembru, 1994 l-imsemmi fond gie liberat definittivament favur is-socjeta` "L. & D. Attard Company Limited" versu l-prezz ta' disgha u tlettin elf u hames mitt liri maltin (LM39,500) (Dok E); illi ghalhekk ai

termini [ta'] l-artikolu 329(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili is-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghal hlas tad-differenza bejn is-somma minnha offerta ta' LM52,000 u dik versu liema gie effettivament liberat il-fond sussegwentement u cioe` LM39,500, liema differenza tlahhaq is-somma ta' tnax-il elf u hames mitt liri maltin (LM12,500); illi, peress li, kif gia msemmi, l-attur jinsab munit b'ipoteki li jippregradwaw dawk ta' kredituri ohra huwa ghandu l-interess guridiku necessarju sabiex jitlob – in via surrogatorja – din id-differenza ta' LM12,500 flimkien ma l-imghax legali mid-data tal-liberazzjoni u cioe` 23 ta' Gunju, 1994, minghand is-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited; illi l-attur gab il-premess a formali konjizzjoni tal-konvenuti Polidano Brothers Limited u interpellahom sabiex fi zmien jumejn ihallsuh is-somma ta' tnax-il elf u hames mitt liri maltin (LM12,500) flimkien ma l-imghax legali mit-23 ta' Gunju, 1994 sal-jum tal-pagament effettiv permezz ta' protest gudizzjarju ipprezentat fis-26 ta' Mejju 1995 (Dok F) izda dawn baqghu inadempjenti; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara lis-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited responsabbli ghall-hlas tas-somma ta' tnax-il elf u hames mitt liri maltin flimkien mal-imghax legali mit-23 ta' Gunju, 1994 bhala d-differenza fl-offerti fis-subasta numru 20/90 ghall-immobbli "Cassar Yard", Gudja Road, Tarxien liberat minn din il-Qorti fit-22 ta' Gunju 1994;
2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited thallas lill-attur nomine is-somma ta' tnax-il elf u hames mitt liri maltin flimkien mal-imghax legali mit-23 ta' Gunju, 1994 sal-jum tal-pagament effettiv ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju ipprezentata fis-26 ta' Mejju, 1995 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fis-7 ta' Frar, 1996 is-socjeta` Polidano Brothers Limited eccepiet:-

1. Illi preliminarjament il-kunsens tas-socjeta` eccipjenti fl-Atti tas-Subasta 20/90 fl-ismijiet "Joseph M Formosa ghan-nom u in rappresentanza tal-Lohombus

Corporation Limited vs Joseph Cassar" kien vizjat u s-socjeta` eccipjenti qed tipprocedi sabiex timpunja tali offerta li kienet saret fl-Atti ta' dik is-subasta.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-liberazzjoni fis-subasta tillibera il-fond minn ipoteki jew privileggi jew gravami ohrajn u ghalhekk l-azzjoni hija insostenibbli.
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, id-dritt pretiz u l-artikolu 329 invokat mill-attur jispetta biss lill-kreditur esekutant: l-artikolu jiddisponi illi "(1) Ix-xerrej illi jonqos li jiddeposita l-prezz jista' fuq talba ta' l-esekutant jew ta' l-esekutat, b'citazzjoni jigi kkundannat ghall-arrest tal-persuna, u (2) minbarra dan f'kull kaz bhal dan il-hwejjeg maghmula jistghu fuq talba ta' l-esekutant jew ta' l-esekutat, jergghu jingiebu fl-irkant a spejjez tax-xerrej; u meta jsir dan, jekk l-offerti jkunu icken, ix-xerrej jibqa' jwiegeb ghad-differenza; u jekk l-offerti jkunu ghola id-differenza tmur favur l-esekutat." Fil-kaz in ezami l-esekutant kien il-Lohombus Corporation Limited li kien pjenament soddisfat u ghalhekk ma tinghata ebda azzjoni lill-kreditur li kien gie ammess joffri "animo compensandi".

Il-konvenuti konjugi Cassar debitament nofitikati bl-att tac-citazzjoni naqsu li jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet, ghalkemm ghandu jigi osservat li l-kuraturi deputati pprezentaw nota tal-eccezzjonijiet fis-sens biss li ma kienux edotti mill-fatti u li talbu li jigi indikat lilhom l-indirizz tal-konvenut Joseph Cassar.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru, 2002 meta cahdet l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, u wara li illiberat lill-konvenuti Joseph u Rosina mizzewgin Cassar mill-osservanza tal-gudizzju, laqghat it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited billi ddikjaratha responsabbli ghall-hlas tas-somma ta' tnax-il elf u hames mitt liri Maltin (LM12,500) flimkien ma' l-imghax legali mit-23 ta' Gunju, 1994 u konsegwentement ikkundannat lill-istess socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici dan l-ammont bl-

interessi kif mitluba. Ordnat ukoll li l-ispejjes jithallsu mis-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi din il-kawza giet intavolata mill-Bank of Valletta bhala kreditur tal-konvenut Cassar u talab li s-socjeta` konvenuta thallas id-differenza bejn il-prezz li bih l-istess kumpanija kienet giet lilha liberata l-proprjeta` mibjugha, u l-prezz li eventwalment gie imhallas wara li rega’ sar bejgh gudizzjarju iehor; din it-talba l-Bank of Valletta ghamilha peress li s-socjeta` konvenuta kienet naqset li tottempera ruhha ma’ l-offerta li kienet originarjament ghamlet fl-ewwel subasta;

“Illi s-socjeta` attrici pprezentat diversi dokumenti relattivi ghas-subasta in kwistjoni u ghal dan il-fini oltre esebizzjoni tad-diversi dokumenti ressqet ukoll lill-ufficcjal tal-Qorti inkarigat mis-subasti u wara bosta ricerki gew ipprezentati d-dokumenti opportuni.

“Illi Vincent Attard, l-imsemmi ufficcjal tal-Qorti meta ssejjah biex jaghti x-xhieda tieghu stqarr illi “niftakar li l-art in kwistjoni kienet inbighet favur certu Marcel Cassar ghan-nom ta’ Polidano Brothers u l-ammont kien madwar LM52,000, pero’ l-istess Polidano naqas li jaghmel id-depozitu mehtieg u dana peress li lili qalli li ma kienx awtorizza lill-imsemmi Marcel Cassar biex jaghmel tali offerta, ghalkemm ghandi nghid li fil-process li jiena qed infittex hemm ukoll il-prokura espressa minn Polidano Brothers favur l-imsemmi Cassar.”;

“Illi mid-dokumenti esebiti jidher li l-konvenut Joseph Cassar kien kkundannat b’sentenza tas-7 ta’ Ottubru, 1991 ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ LM48,069 oltre l-interessi mill-21 ta’ Settembru, 1985 u illi fl-atti tas-subbasta in kwistjoni l-Bank of Valletta kien ipprezenta rikors biex ikun jista' joffri *animo compensandi;* ir-rikors tas-subasta kien gie propost mill-Lohombus Corporation Limited u ft-22 ta’ Gunju 1994 il-proprjeta` li kienet tappartjeni lill-konvenut Joseph Cassar giet liberata definittivament favur Polidano Brothers Limited u skond id-dokument esebit il-prezz kien ta’ LM52,000;

“Illi jirrizulta mill-istess dokumenti illi meta s-socjeta` Polidano Brothers Limited ma effettwatx id-depozitu, il-Qorti, fuq rikors tal-kreditur Lohombus Corporation, permezz ta’ digriet tas-26 ta’ Settembru 1994 ordnat li jkun hemm subasta ohra fl-4 ta’ Novembru 1994; u f’din id-data l-proprjeta` in kwistjoni giet definittivament liberata favur is-socjeta` L & D Attard Company Limited bil-prezz ta’ LM39,500; il-Bank of Valletta pprezenta protest gudizzjarju kontra Polidano Brothers Limited fejn talab id-differenza li qed tigi msemmija fic-citazzjoni odjerna.

“Illi giet ukoll esebita d-dokumentazzjoni mehtiega dwar id-debiti ta’ l-istess Joseph Cassar u anki kopji tar-registrazzjonijiet ipotekarji;

“Illi oltre kopja tal-liberazzjoni definittiva eventwali favur L & D Attard Company Limited fl-4 ta’ Novembru 1994, hemm ukoll prokura maghmula mis-socjeta` Polidano Brothers Limited favur Marcellino Cassar illi kien il-persuna li kien tefa’ l-offerta ghan-nom ta’ din is-socjeta` fl-ewwel subasta li kienet inzammet;

“Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta` konvenuta taghmel referenza ghall-allegazzjoni taghha illi l-kunsens moghti fl-imsemmija subasta kien ivvizzjat u dwar dan il-punt id-direttur tas-socjeta` konvenuta Charles Polidano pprezenta wkoll affidavit; il-Qorti fliet bir-reqqa d-dicitura akkurata uzata fl-imsemmi affidavit fejn huwa rrefera b’mod esplicitu ghal firma li kien hemm fuq id-dokument li kien gie pprezentat il-Qorti minn Marcellino Cassar; meta huwa rrefera ghall-firma li hemm f’dik ir-resolution Charles Polidano qaghad attent li huwa qatt ma cahad li dik il-firma ma kienetx tieghu pero` cahad li hu qatt ghamel rizoluzzjoni simili u gharaf iwaddab dubju fuq l-istess firma.

“Illi jrid jigi rilevat illi din ir-rezoluzzjoni tal-kumpanija konvenuta ma kienx xi dokument li hareg tul dawn il-proceduri tal-kawza odjerna anzi din ir-rezoluzzjoni ilha fl-atti tal-kaz sa mill-bidu nett tas-subasta; il-Qorti tifhem li Charles Polidano kien ilu jaf mill-bidu nett li kienet saret dik l-offerta u kien hemm dik ir-resolution allegatament

iffirmata minnu izda ma jidhirx li huwa ha passi dwar dan; in fatti fit-22 ta’ Lulju 1994 ir-Registratur tal-Qorti kien kiteb lill-istess Charles Polidano biex jitolbu jiddepozita s-somma ta’ LM52,000 u ma jidhirx li kien hemm ebda risposta ghal din l-interpellanza – kieku l-posizzjoni kienet kif qed jallega Charles Polidano, certament kien almenu jikkontrolla dak li fil-fatt kien gara;

Illi inoltre jigi rilevat li skond l-istess Charles Polidano, Marcellino Cassar kien gab skuza b’huh pero` l-Qorti tosserva li fl-ebda stadju ma saret talba biex dan Marcellino Cassar jitharrek quddiem il-Qorti u jispjega l-iskuza imsemmija minn Polidano, u dan nonostante l-fatt li l-istess Marcellino Cassar kien wiehed mill-persuni elenakti fil-lista tax-xhieda;

“Illi fin-nota finali tas-socjeta` konvenuta hemm imnizzel li l-kunsens ta’ l-istess socjeta` attrici (recte: konvenuta) kien ivvizzjat u “is-socjeta` esponenti qed tipprovdi sabiex timpunja tali offerta li kienet saret fl-atti ta’ dik is-subasta”; l-istess haga tidher illi stqarrha l-istess Polidano meta pprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu fejn insibu li gie ddikjarat “is-socjeta` eccipjenti qed tipprocedi sabiex timpunja tali offerta li kienet saret fl-atti ta’ dik is-subasta”; fuq din in-nota ta’ l-eccezzjonijiet u l-affidavt ta’ Charles Polidano ghaddew aktar min hames snin izda l-Qorti ma giet infurmata bl-ebda azzjoni simili; ma jistax ma jigix rilevat illi anki l-istess Polidano meta gie rinfaccjat bil-firma fuq l-istess dokument originali ammetta li kienet tixbah hafna lill-firma tieghu;

“Illi ghaldaqstant il-Qorti ma tarax li ghandha tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta;

“Illi dwar it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet sollevati, ghalkemm il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta li l-fond mibjugh b’subasta gudizzjarja jghaddi ghand l-offerent kompratur liberat minn ipoteki u privileggi, dan ma jistax ifisser li tkun qed tippregudika lill-kredituri l-ohra minn kull azzjoni li tista’ tkun tispetta lilhom biex jissalvagwardaw l-interessi taghhom fuq l-assi tad-debitur.

“Illi d-disposizzjonijiet tal-Ligi ta’ l-Artikolu 329 oltre li jikkontemplaw fl-ewwel subinciz is-sanzjonijiet kontra min ikun mar lura mill-obbligu tieghu, huma intenzjonati wkoll (subinciz 2) biex jissalvagwardjaw id-drittijiet ta’ terzi li jista’ jkollhom interess; il-ligi tikkontempla x’jigri “jekk l-offerti jkunu icken” u ma tghidlekx jekk l-offerti jkunu icken mid-debitu ta’ l-ezekutant. Dan ifisser li tali azzjoni tispetta wkoll lil min, bhas-socjeta` attrici odjerna, ikollu interess li jithallas ghall-krediti debitament registrati; billi ma ttiehdux il-passi ghall-arrest kontemplati fl-ewwel subinciz, ma jfissirx li “x-xerrej li jonqos li jiddepozita l-prezz” ma jkollux x’jaqsam izjed;

“Is-socjeta` attrici odjerna pprezentat id-dokumenti kollha mehtiega biex tipprova li ghandha l-iskrizzjonijiet ipotekarji minnha imsemmija u li dawn ippoguha f’posizzjoni li kull ammont iehor li seta’ jigi ottenut mill-bejgh tal-proprjeta` tad-debitur Joseph cassar, ikun ghaliha disponibbli sa l-ezawriment tad-debitu;

“Minn dawn l-atti kollha quddiemha, il-Qorti tifhem li s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova t-tezi taghha.”

**L-appell tas-socjeta` Polidano Brothers Limited.**

Is-socjeta` Polidano Brothers Limited hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors ipprezentat fl-20 ta’ Dicembru, 2002 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla is-sentenza imsemmija billi tilqa’ l-eccezzjonijiet taghha u tichad it-talbiet attrici fil-konfront ta’ l-istess appellanti Polidano Brothers Limited, u dana bl-ispejjes kollha taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` attrici appellata.

**L-appell tas-socjeta` attrici Bank of Valletta Limited.**

Il-Bank of Valletta Limited ukoll hassu aggravat bis-sentenza fuq riportata inkwantu b’dik is-sentenza l-konvenuti Joseph u Rosina mizzewgin Cassar, kif debitament rapprezentati, gew illiberati mill-osservanza tal-gudizzju. Il-bank attur hassu wkoll aggravat bid-digriet

tal-Qorti ta’ Prim Istanza tat-22 ta’ Jannar, 1998 meta dik il-Qorti “*ma laqghetx [it-talba] ghall-bidla fl-isem tas-socjeta` attrici*”. Kien ghalhekk li b’rikors pprezentat fil-31 ta’ Dicembru, 2002 il-Bank attur talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti:-

(i) tirrevoka dik il-parti tad-Digriet tat-22 ta’ Jannar 1998 fejn l-Ewwel Qorti iddikjarat li ma hux mehtieg provvediment u tilqa’ it-talba ta’ l-attrici kontenuta fir-rikors tad-9 ta’ Jannar, 1998 u tbiddel il-kelma “Limited” bl-ittri “p.l.c.” fl-isem tas-socjeta` attrici;

(ii) Tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn cahdet l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, kif ukoll fejn laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited u ddikjarat l-istess socjeta` Polidano Brothers Limited responsabbli u ghalhekk ikkudnannat l-istess socjeta` ghall-hlas tas-somma ta’ tnax-il elf u hames mitt Liri Maltin (LM12,500) flimkien ma’ l-imghax legali mit-23 ta’ Gunju, 1994 bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` Polidano Brothers Limited;

(iii) Tirrevokaha fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti lliberat lill-konvenuti Joseph u Rosina mizzewgin Cassar anki kif debitament rapprezentati, mill-osservanza tal-gudizzju; u ghalhekk

(iv) Tilqa’ it-talbiet attrici billi fil-gudizzju jibqghu l-konvenuti Joseph u Rosina mizzewgin Cassar kif debitament awtorizzati (recte: rapprezentati) kif ukoll is-socjeta` Polidano Brothers Limited u dana bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

**L-aggravji tas-socjeta` Polidano Brothers Limited.**

Fil-paragrafu 3 tar-rikors ta’ appell tas-socjeta` Polidano Brothers Limited jinghad espressament hekk: “*Illi a tenur ta’ l-artikolu 144 tal-Kodici ta’ Procedura, is-socjeta` esponenti appellanti tiddikjara li qed tappella kontra l-partijiet kollha* (sottolinear ta’ din il-Qorti) *u fil-fehma taghha l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-artikolu 329 tal-Kodici ta’ Procedura Civili huwa univoku filli jaghti id-dritt ta’ azzjoni biss lill-kreditur esekutant u lid-debitur esekutat.*”

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti.**

Jibda biex jigi osservat li ma jidhirx li s-socjeta` appellanti Polidano Brothers Limited ghamlet fir-rikors ta' appell taghha xi sottomissjoni fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata minnha stess quddiem il-Prim Awla, liema eccezzjoni giet michuda. Infatti s-sottomissjonijiet kollha fir-rikors ta' appell jikkoncernaw l-import ta' l-Artikolu 329 tal-Kap 12. Din il-parti tas-sentenza li tikkoncerna c-cahda ta' l-ewwel eccezzjoni ghalhekk mhux ser tigi konsiderata minn din il-Qorti.

Qed jigi sottomess li "*id-dispost ta' l-artikolu 329 huwa car fis-sens illi jistghu jipprocedu fl-eventwalita` kontemplata fis-sentenza biss l-esekutant u l-esekutat; l-artikolu ma jikkomprendix fl-ipotesi il-kreditur illi jagixxi "animo compensandi", anke jekk dan il-kreditur huwa ipotekarju.*" Inoltre qed jigi sottomess ukoll li ghalkemm fic-citazzjoni jinghad li l-Bank attur ghandu interess guridiku inkwantu munit b'ipoteki li jppregradwaw dawk ta' kredituri ohra u konsegwentement ghandu dritt li jitlob – in via surrogatorja – din id-differenza ta' LM12,500, ma jirrizultax li l-istess bank gie surrogat f'xi dritt u lanqas qed jezercita l-azzjoni a tenur ta' l-artikolu 1143 – l-*actio debitor debitoris mei*.

Huwa xieraq li f'dan l-istadju jigi riprodott verbatim l-artikolu 329 tal-Kap 12. Dan ighid hekk:
"(1) Ix-xerrej illi jonqos li jiddepozita l-prezz, jista' fuq talba ta' l-esekutant jew ta' l-esekutat, b'citazzjoni, jigi kkundannat ghall-arrest tal-persuna.

(2) <u>Minbarra dan</u>, f'kull kaz bhal dan, il-hwejjeg mibjugha jistghu, fuq talba b'rikors ta' l-esekutant jew ta' l-esekutat, jergghu jingiebu fl-irkant bi spejjes tax-xerrej; <u>u meta jsir dan, jekk l-offerti jkunu icken, ix-xerrej jibqa' jwiegeb ghad-differenza;</u> u jekk l-offerti jkunu oghla, id-differenza tmur ghall-esekutat, izda tibqa' suggetta ghall-jeddijiet ta' l-esekutant." (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu mhux rilevanti ghal kaz in ezami.

X'jfisser dan l-artikolu?

Minn qari akkurat tal-artikolu fuq citat jidher li hemm kontemplati zewg sitwazzjonijiet totalment differenti. Fl-ewwel lok insibu s-sitwazzjoni meta x-xerrej jista' jigi kundannat ghall-arrest personali meta jonqos li jiddepozita l-prezz. Dan id-dritt huwa moghti espressament lill-esekutant jew l-esekutat li ghandhom jagixxu b'citazzjoni.

Fit-tieni lok jidher li l-obbligu tax-xerrej li jwiegeb ghad-differenza meta l-offerti jkunu icken, mhux marbut ma xi dritt ta' l-esekutant jew l-esekutat, ghalkemm jispetta lil wiehed jew l-iehor li jippromwovi t-tieni irkant permezz ta' rikors. La darba jsir dan, u jirrizulta xi nuqqas fl-offerti – paragunat ma' l-offerta tax-xerrej li jkun naqas li jiddepozita l-prezz – l-obbligu tax-xerrej, li jkun naqas li hekk jiddepozita, li jhallas ossia jiddepozita dik id-differenza, huwa awtomatiku. Dan ma jfissirx pero` li kull kreditur iehor ikollu dritt li jippercepixxi l-ammont hekk dovut, anke jekk, bhal fil-kaz in ezami, jkunu kreditur pregradwat jew sahansitra jkun ippartecipa fis-subasta "*animo compensandi*." Dan ghaliex l-ammont hekk dovut mix-xerrej illi jonqos li jiddepozita jigi depozitat fir-Registru tal-Qorti u dak l-ammont hekk iddepositat jista` jigi biss moghti lil minn ikun misthoq wara d-debitu 'konkors' tal-kredituri. Il-proceduri istitwiti mill-Bank of Valletta ma jikkontemplaw ebda konkors bejn kredituri tal-konjugi Cassar u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet ezawtorata milli tiddikjara li tali ammont kellu jithallas lill-istess bank. Tali dikjarazzjoni u eventwali kundanna kienet tispetta lill-Qorti kompetenti fi proceduri istitwiti *ad hoc.*

F'dan is-sens ghalhekk jidher li l-appell tas-socjeta` Polidano Brothers Limited huwa gustifikat in parti billi, ghalkemm l-ewwel qorti kienet korretta li tilqa' l-ewwel talba attrici u b'hekk tiddikara lil dik is-socjeta` responsabbli ghal-hlas tas-somma ta' LM12,500 rapprezentanti id-differenza bejn l-ammont offrut minnha fis-subasta mizmuma fit-22 ta' Gunju, 1994 u dak li eventwalment thallas minn terzi wara l-liberazzjoni tal-fond bhala konsegwenza tas-subasta li nzammet fl-4 ta' Novembru 1994 u dana a tenur tas-subartikolu (2) ta'l-Artikolu 329 tal-Kap 12, dik l-istess qorti ma kinitx korretta meta laqghat it-tieni talba attrici u konsegwentement

ikkundannat lis-socjeta` Polidano Brothers Limited taghmel dan il-pagament lill-Bank attur. Lanqas ma setghet l-ewwel qorti tilqa’ din it-talba inkwantu ma jirrizultax li saret xi surroga mill-konjugi Cassar lill-Bank attur u inqas u inqas ma jirrizulta li l-Bank qed jagixxi f'din il-vesti, anzi jidher li l-konjugi Cassar gew indikati bhala konvenuti f’dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat:-**

Dwar l-appell intavolat mill-Bank of Valletta Limited din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravju mressaq mill-istess bank dwar ic-cahda tat-talba tieghu kontenuta fir-rikors tad-9 ta’ Jannar, 1998 fis-sens li l-kelma “Limited” tigi sostitwita bl-ittri “p.l.c.” huwa gustifikat. Dan ghaliex, fir-realta`, in vista ta’ emendi fl-istatut tal-istess bank, l-bank illum ma ghadux maghruf bhala Bank of Valletta Limited izda Bank of Valletta p.l.c. u hekk ghandu jigi indikat fl-atti tac-citazzjoni u eventwali sentenza. Dan id-digriet ghalhekk qed jigi revokat u l-korrezzjoni mitluba akkordata kif qed jigi registrat fl-okkju tas-sentenza.

It-tieni aggravju tal-bank attur appellant huwa fis-sens li, fi kliem ir-rikors ta’ appell: “*gialadarba kif jirrizulta pjenament mic-citazzjoni attrici, is-socjeta` attrici kienet qed tezercita l-azzjoni surrogatorja u cioe` l-actio debitor debitoris mei, huwa indispensabbli illi jigi mharrek u jkun fil-kawza id-debitur tas-socjeta` attrici bhala kreditrici li qed tagixxi in via surrogatorja.*”

Illi f’dan il-kuntest issir riferenza ghal dak li inghad hawn fuq dwar in-natura ta’ l-azzjoni ezercitata mil-Bank attur. Biss ghandu jigi osservat li l-azzjoni “*debitor debitoris mei*” ma tinnecessitax li fil-kawza jkunu hemm il-presenza tad-debitur principali billi din l-azzjoni taghti azzjoni diretta kontra it-terz debitur tad-debitur ta’ l-attur, u l-uniku rekwizit biex tirnexxi tali procedura hija l-prova li hemm rabta bejn l-attur u il-konvenut tramite it-terz li ghandu l-vesti ta’ debitur ta’ l-attur u kreditur tal-konvenut. Hija l-inattivita` ta’ dan it-terz li taghti rizalt ghall-azzjoni maghrufa bhala “*actio debitor debitoris mei*” u konsegwentement ma huwiex mehtieg l-intervent jew

presenza fil-kawza ta’ dan id-debitur fil-proceduri hekk istitwiti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tiddisponi mill-appelli fuq imsemmija billi:-
a) fl-ewwel lok tilqa’ l-appell tas-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited billi tirrevoka s-sentenza appellata limitatament inkwantu kkundannat lis-socjeta` Polidano Brothers Limited li thallas l-ammont ta’ LM12,500 lis-socjeta` attrici Bank of Valletta p.l.c.;
b) Fit-tieni lok tilqa’ l-appell tas-socjeta` attrici Bank of Valletta Limited inkwantu dan jikkoncerna d-digriet ta’ l-ewwel qorti tat-22 ta’ Jannar, 1998 billi tordna li ssir il-korrezzjoni fl-isem tas-socjeta` attrici kif qed jigi registrat fl-okkju ta’ din is-sentenza;
c) Tirrevoka l-istess sentenza inkwantu pprovdiet fuq il-kap ta’ l-ispejjes.
d) Ghall-bqija tichad l-appell tas-socjeta` Polidano Brothers Limited fir-rigward ta’ l-akkoljiment ta’ l-ewwel talba attrici u tichad l-appell tal-Bank of Valletta p.l.c. fir-rigward tal-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju tal-konjugi Cassar u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata hlief ghal dak li nghad fil-paragrafi (a),(b) u (c) hawn fuq; u
e) Tipprovdi dwar il-kap ta’ l-ispejjes billi tordna li l-ispejjes, sew ta’ l-ewwel istanza, kemm dawk ta’ dawn l-appelli, hlief ghal dawk li jikkoncernaw il-konjugi Cassar, jigu sopportati mill-kontendenti fi kwoti ugwali bejniethom, b’dana li l-ispejjes tal-konjugi Cassar, kemm tal-prim istanza u kif ukoll ta’ dan l-appell, ghandhom jigu sopportati mill-Bank of Valletta p.l.c.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------